



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Lulju 2020
(OR. en, es)

Fajl Interistituzzjonali:
2006/0058(CNS)

8772/20
ADD 1

AVIATION 126
RELEX 441
USA 26

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 13041/15
Suġġett:	Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra – adozzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Irlandiża – Dikjarazzjoni minn Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dikjarazzjoni minn Spanja dwar il-Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra (verżjoni bil-lingwa Irlandiża).

COREPER I (15 ta' Lulju 2020)

Il-punt 30 tal-aġenda

Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti (verżjoni bil-lingwa Irlandiża)

Dikjarazzjoni minn Spanja biex tiddaħħal fl-atti tal-COREPER I u tal-Kunsill

Spanja tiddikjara li l-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranià li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-Ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx għadha tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data, ma baqgħetx tqis li kien aċċettabbli li tkompli tagħmel referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni ta' qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġiżlazzjoni ġdida.